MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1222/2001/1

**Vincenza Tabone f'isimha propju u f'isem il-minuri Deemer Tabone u Charlene Tabone werrieta ta' Anthony Tabone.**

**v.**

**David Sciberras**

## Il-Qorti:

## Preliminari:

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Lulju 2001, l-attrici ppremettiet: illi Anthony

Tabone fit-30 ta’ Mejju 1999, waqt li kien qieghed jaqsam National Road il-Floriana, safa’ mtajjar minn vettura numru AAI 638 misjuqa mill-konvenut David Sciberras; illi konsegwenza ta’ dan l-incident Anthony Tabone ta’ 56 sena, sofra griehi ta’ natura gravi u miet; illi ghall-incident in kwistjoni u ghall-mewt ta’ Anthony Tabone jahti l-konvenut David Sciberras minhabba imprudenza, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku; illi l-atturi Vincenza Tabone, Deemer Tabone u Charlene Tabone huma l-werrieta ta’ Anthony Tabone; illi Anthony Tabone kien l-uniku *breadwinner* ta’ l-istess familja Tabone; illi nonostante diversi interpellazzjonijiet il-konvenut ma resaqx sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni msemmija; dan premess l-attrici proprio et nomine talbet li dik il-Qorti:

"1. tiddikjara lill-konvenut David Scibberras responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali li soffrew l-atturi;

"2. tillikwida dawn id-danni;

"3. tikkundannah ihallas is-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra ufficjali datata 20 ta’ Frar 2000 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni."

B’nota ipprezentata fid-19 ta’ Novembru 2001, il-konvenut ecepixxa:

"1. illi t-talbiet ta’ l-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi billi l-incident tat-30 ta’ Mejju 1999, mertu tal-kawza, gara unikament minhabba t-tort u t-traskuragni ta’ l-istess mejjet.

"2. illi l-eccipjenti ma kellu ebda responsabbilta` ghall-akkadut anzi kagun ta’ dan l-incident l-eccipjent waqa’ f’depression qawwi illi ghadu sal-lum ibati l-konsegwenzi tieghu.

"3. illi ghal kull buon fini jigi rilevat illi s-semplici fatt illi l-atturi ulied il-mejjet Anthony Tabone huma l-werrieta

tieghu ma jaghti fih innifsu ebda dritt lill-istess atturi illi jottjieni r-risarciment tad-danni pretizi f'din il-kawza. Kull attur ghandu separatament juri lill-Qorti d-danni minnu sofferti bhala konsegwenza ta' l-akkadut, billi l-azzjoni ghad-danni jappartjeni lil kull individwu separatament u personalment u mhux lill-eredita` tal-mejjet Anthony Tabone."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-16 ta' Dicembru 2005, meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Incident awtomobilistiku**

"Din il-kawza tirrigwarda incident stradali li fih tilef hajtu Anthony Tabone li kien qed jaqsam National Road, il-Floriana (fejn il-Bombi) meta gie mtajjar minn vettura li kienet qed tigi misjuqa minn David Sciberras, il-konvenut. L-incident gara qrib il-bieb tal-Bombi hekk kif it-traffiku jkun diehel il-Belt. Hemm tlett karreggjati, wahda minnhom accessibbli minn go Portes Des Bombes, fil-waqt li t-tnejn l-ohra huma accessibli minn magenb il-bieb tal-Bombi.

"Anthony Tabone miet kawza ta' *intracranial hemorrhage and fractured skull as a result of a motor vehicle accident* (ara dok. a fol. 75 et seq).

**"PROVI**

"Charlene Tabone, bint il-mejjet, xehdet li kienet fejn il-vettura ta' l-gharusa ta' huha li ftit qabel kellha accident bil-karozza taghha u baqghet diehla go sigra fil-parti tat-triq kif taqbez il-Bombi lejn il-Belt. Maghha kien hemm P.C. 533 Paul Sheehan li kien qed jinvestiga l-accident. Hin minnhom gie missierha minn faccata, qasam l-ewwel parti tat-triq, imbaghad beda biex jaqsam il-parti tat-triq li tiehu ghal Belt. Hu qasam it-triq xi 20 pied'il boghod minn fejn taqbez il-mina tal-Bombi. X'hin missierha kien f'nofs il-karreggjata ta' barra, cioe` dik vicin ic-*center strip*, giet il-

vettura misjuqa mill-konvenut b'velocita` kbira. Missierha x'hin ra l-vettura gejja b'velocita` kbira, waqaf u fetah idejh, il-konvenut zamm il-*brake* izda ma rnexxilux iwaqqaf u baqa' diehel fuq missierha. Il-vettura baqghet miexja wara li ntlaqat missierha. Missierha gie mgholli 'l fuq u wara li dar darbtejn fl-ajru, nizel madwar 30 pied il-boghod minn fejn intlaqat, imbaghad instabat ma' l-art u hi marret hdejn missierha li kien ghadu haj. Ix-xhud kompliet tghid li kif harget il-karozza minn gol-mina, sabitu. Missierha kien boghod mill-mina qiesu tul ta' nofs din l-awla (fol. 110).
"P.C. 533 Paul Sheehan li kien qed jinvestiga l-ewwel incident xehed li ra lill Tabone jaqsam it-triq. Kien madwar 25/30 pied wara li taqbez il-mina tal-Bombi. Hu ma rahx vetturi dehlin lejn il-Belt dak il-hin, imbaghad f'daqqa wahda x'hin Tabone kien qieghed f'nofs it-triq giet il-vettura tal-konvenut b'velocita` kbira, dak il-hin x'hin rah, Tabone waqaf u fetah idejh, izda l-karozza baqghet diehla fih u Tabone ittajjar madwar sular 'l fuq u wara li dar fl-ajru nizel madwar tletin pied 'il boghod minn fejn intlaqat mill-vettura. Il-vettura ma waqfitx ezatt mad-daqqa. L-ewwel incident gara fejn hemm it-tieni sigra fuq ix-xellug. Tabone kien tul ta' l-awla boghod mill-mina.

"Il-konvenut xehed li kien diehel il-Belt. Ma jiftakarx jekk kienx hemm karozzi ohra ghaddejin fid-direzzjoni tieghu. Hu kien ghaddej b'xi 45/50 kfs qed javvicina l-mina tal-Bombi. Ghadda minn magenb il-mina b'intenzjoni li jaqbad il-*lane* tan-nofs u hekk kif qabez il-mina ra ragel qed jaqsam it-triq. Meta rah l-ewwel darba kien qiesu f'nofs it-triq, qed jaqsam b'pass imghaggel. Hu bbrekkja bis-sahha u kif zamm il-*brake* r-ragel waqaf u deher f'paniku. Dan mexa pass jew tnejn 'l quddiem, imbaghad ha l-istess pass jew tnejn lura; waqaf u hareg idejh it-tnejn 'il barra qiesu ried jilqa' d-daqqa tal-karozza b'idejh. Kieku ma hax iz-zewg passi lura hu kien jiskapolah. Mad-daqqa l-*windscreen* infaqa' u l-karozza mxiet xi tlett metri qabel waqfet.

"Skond ir-*Road Accident Report* il-konvenut kien qal lis-surgent li investiga l-kaz li "kif qbizt Bieb il-Bombi diehel lejn il-Floriana rajt dan ir-ragel jaqsam, u kif rani bhala

speci tfixkel u waqaf f’nofs it-triq bil-konsengwenza li ma kellix cans niskapulah”.

**“LIGI**

“Il-kaz li fih id-*driver* jista’ jkun ezentat mir-responsabilita`, hu dak biss li fih il-pedestrian, b'xi att inaspettat jew subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu jkun qieghed lid-*driver* f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment. App. Krim Il-Pulizija vs C. Mifsud Vol 38 p 859; Pul vs J. Vella 5.2.66; u Pul vs J. Attard Portughes 10.12.66.
“M’hemmx presunzjoni li *pedestrian* ghandu dejjem ragun. Imma hu m'ghandux jitqies bhala intruz. Hu ghandu juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti l-ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza. App Civ. S. Bonaiglas vs J. Mercieca 20.1.70

"Ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-pedestrian ikun negligenti, pero` dan ma jassolvix lid-driver tal-vetttura milli juza dak il-grad ta' "reasonable care" li tinhtieg. Dana kollu jinghad, dejjem sakemm ma tkunx giet krejata mill-*pedestrian* lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibli, azzjoni evaziva tempestiva (App. Krim Pul vs J.Formosa XL111 p 4 p 1023).

"Emergenza subitanea tavvera ruha per ezempju meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lil konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat" (App. Krim Pul vs J.Thorton XLV p4 p 920). jew "meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfacca ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza" (App.Krim Pul vs Cassar Desain Vol XLV1 p4 p 765).

**Skond il-Highway Code:**

*“Always use subways, footbridges, pedestrian crossings or central refuges, where provided. Otherwise cross the road where you can have a clear view of the road both ways. Take extra care if your view is restricted by parked or stationary vehicles* *<u>or by other obstructions</u>. Art 20*

*“Before you cross, stop at the kerb, look right, look left and right again. Do not cross before the road is clear, then cross in the shortest line keeping a careful lookout all the time. Where there is a central refuge, stop on it in a position which renders you easily visible to the drivers on the far half of the road. Complete the crossing only when the road is clear. Art 21.*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

“Fil-kaz in ezami jirrizulta li Tabone kien qed jaqsam minn post perikoluz ghall-ahhar. Minn fejn kien, hu ma kienx posizzjoni li jaccerta ruhu li seta’ jaqsam bla perikolu ghalih u ghall-vetturi. Minn fejn kien, hu ma setax jara x’karozzi kienu gejjin minn wara l-mina ta’ Portes Des Bombes jew minn magenba hlief meta dawn ikunu vicin hafna tieghu. Inoltre l-vetturi li jkunu gejjin minn wara l-mina ta’ Portes Des Bombes ma jistennewx u ma jippretendux li kif qabzu l-mina ser isibu xi persuna se taqsam dik it-triq. Fil-fatt minn hemmhekk, persuna li tigi biex taqsam it-triq, trid taqsam tlett *lanes* u ghalhekk f’dan il-kaz mid-distanza minn fejn kien se jaqsam Tabone u l-post minn fejn tfaccat il-vettura tal-konvenut li kienet ghadha qed taqbez il-mina, kien hemm distanza qasira wisq biex Tabone seta' accerta ruhu li mhux gejjin karozzi u jaqsam tlett *lanes*. Din id-distanza giet deskritta bhala tul ta’ l-awla biss. Dana wkoll wara li dik il-persuna tkun diga` qasmet tlett *lanes* min-naha l-ohra tat-triq cioe` minn fejn t-traffiku jkun hiereg mill-Belt.

“Jirrizulta mill-provi, u anke kif xehed il-konvenut, li meta Tabone kien qed jaqsam, dan kien daqsxejn imghaggel u meta ra l-vettura tal-konvenut tfixkel. Li Tabone kien imghaggel hu verosimili meta wiehed jikkunsidra l-fatt li hu kien nizel minn xarabank u kien sejjer biex jara xi grala l-

gharusa tat-tifel tieghu li kienet dahlet go sigra bil-vettura taghha.

“F’dawn ic-cirkostanzi Tabone kellu obbligu akbar li jezercita diligenza u prudenza aktar min-normali meta jigi biex jaqsam triq kbira u traffikuza bhal National Road, u meta l-vizwali tieghu kienet ostakolata minhabba l-mina tal-Bombi.

“Il-konvenut kellu wkoll l-obbligu li joqghod attent nonostante n-negligenza ta’ Tabone. Hu kellu jaghmel kull mezz biex jevita l-incident skond ic-cirkostanzi li sab ruhu fihom.

“Gie sottomess (ara xhieda ta’ Charlene Tabone u P.C. Sheehan) li l-konvenut kien gej b’velocita` qawwija. Il-Qorti tirrileva pero` li a tempo vergine lis-Surgent li investiga l-kaz dana l-fattur ma jissemmiex minn dawn iz-zewg xhieda. Inoltre ghalkemm gew indikati *brakemarks* fuq l-iskizz ezibit mill-Perit Richard Aquilina ma hemmx indikazzjoni ta’ kemm kienu twal. Lanqas is-Surgent li investiga l-kaz ma kien f’posizzjoni li jixhed fuq it-tul ta’ dawn il-*brakemarks*. Il-Qorti tirrileva li f’dik il-parti tat-triq hemm daqxejn ta’ telgha u ghalhekk wiehed jistenna li vettura taccellera xi ftit. Il-konvenut lahaq lemah lil Tabone ser jaqsam, zamm *brake* qawwi biex jevita l-incident, imma minhabba l-qsim inaspettat u subitaneju ta’ Tabone, u billi dana tfixkel ukoll, l-incident kien inevitabbli ghalkemm il-konvenut ghamel minn kollox biex jevitah.

“Wara li kkunsidrat kollox il-Qorti tikkonkludi li f’dan il-kaz id-*driver* tal-vettura ma jahtix ghall-incident, imma kien il-qsim hazin ta’ Tabone li qasam fejn wiehed ma jobsorx *pedestrian* ghandu jaqsam, li kien il-kawza ta’ l-incident li fih l-istess Tabone miet. Hu ha riskju li bniedem prudenti u ta’ sens komun ma kellux jiehu.”

**L-appell ta’ l-attrici pro et noe.**

L-attrici *proprio et nomine* hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fl-4 ta’

Jannar 2006, talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-precitata sentenza u b'hekk tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

Il-konvenut appellat ipprezenta risposta fejn, fl-ewwel lok irrileva li Charlene Tabone u Deemer Tabone huma maggorenni u kienu maggorenni meta dana l-appell gie interpost u ghalhekk ma jidhirx li huma qed jappellaw mis-sentenza moghtija b'mod illi din is-sentenza ghandha, almenu fil-konfront taghhom titqies li ghaddiet in gudikat.

Dan premess il-konvenut appellat issottometta li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u konsegwentement l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez.

**L-aggravji ta' l-atturi appellanti.**

L-atturi ressqu essenzjalment tlett aggravji kontra s-sentenza appellate. Dawn huma is-segwenti:
a) Li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta akkollat ir-responsabbilita` kollha fuq Anthony Tabone meta irriteniet li huwa ha riskju meta qasam it-triq minn fejn persuna b'sens komun ma kellhiex taqsam.

b) Illi li speed tal-vettura misjuqa mill-konvenut kien eccessiv ghal-lokaltita`.

c) Illi kellha tigi stabbilita kontributorjeta` da parti tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

L-incident mertu ta' din il-kawza sehh gewwa National Road, il-Furjana ftit wara li tohrog minn wara l-Bieb tal-Bombi fid-direzzjoni lejn il-belt, Valletta. Dan kien incident infelici billi kienu involuti diversi membri tal-istess familja. Infatti Anthony Tabone, waqt li kien fuq *charabanc* hiereg mill-belt, Valletta, ra, fuq in-naha l-ohra tat-triq, vettura mahbuta li kienet tappartjeni lill-gharusa tat-tifel tieghu. Hu nizel minn fuq il-*bus* flimkien ma' martu w ittanta jaqsam it-

triq minn naha tax-xellug lejn il-lemin int u hiereg mill-Belt. Il-konvenut, li laqghat lill-istess Anthony Tabone, kien gej mid-direzzjoni ta’ Sa Maison u hekk kif skorra l-Bieb sab lil Tabone quddiemu u laqtu. Il-mejjet jigi il-kugin ta’ missier il-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti billi ma ghandha ebda ezitazzjoni tiddikjara li l-post minn fejn qasam id-*decujus* kien perikoluz hafna u riskjuz. Dan billi ma hemm ebda indikazzjoni li *pedestrians* jistghu jasmu, it-triq hemm hija traffikuza hafna u generalment it-traffiku jkun miexi b’certa velocita` u l-Bieb tal-Bombi jipprezenta ostakolu kemm ghal minn ikun qed jaqsam, kif kien qed jaghmel id-*decujus*, kif ukoll ghas-sewwieqa tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni ta’ Sa Maison. Infatti minn ikun gej mid-direzzjoni ta’ Sa Maison ma jkun jista’ jara xejn qabel ma jiskapula l-kolonna wisa’ hafna ta' l-istess mina; ghalhekk id-distanza mill-Bieb tal-Bombi ghal fejn ittanta jaqsam id-*decujus* – cirka 25/30 pied - kienet tant akkorcjata li vettura gejja minn wara l-istess Bieb ma kienx ikollha l-opportunita` li tieqaf tempestivament. Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti irriteniet li Anthony Tabone kien responsabbli ghall-akkadut u din il-Qorti tabbraccja din il-konkluzjoni.

Dan premess din il-Qorti trid tezamina jekk, kif qed jigi sottomess mill-appellanti, kienx hemm xi kontributorjeta` da parti tal-konvenut li waslet biex l-incident isehh. L-appellanti qed jissottomettu li l-konvenut naqas billi kien qieghed jsuq bi speed eccessiv ghall-lokalita` u in oltre ma kellux kontroll komplet tal-vettura tieghu.

Ezaminati l-atti u wara li din l-istess Qorti hadet konjizzjoni tat-triq in kwistjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jirrizulta ebda nuqqas fis-sewqan tal-konvenut li jista’ jwassalha tikkondividi l-aggravji mressqa mill-atturi. Infatti dwar *speed* jirrizulta li antecedentement ghall-incident il-konvenut kien qed isuq bi speed moderat ta’ cirka 28 mil fis-siegha. Dan li speed jirrizulta mill-*brake marks* twal tlettax-il metru (13m) kif jirrizulta mill-pjanta tal-Perit

Richard Aquilina inkarigat fl-inkjesta.  F’dan ir-rigward issir referenza ghall-iskeda li tinsab fl-ahhar tal-Highway Code. Dana li speed certament ma jistax jigi kunsidrat bhala *speed* eccessiv billi t-triq hemm hija wiesgha b’mod li tippermetti anke *speed* aktar gholi minn dan, u kif sewwa osservat l-ewwel Qorti billi t-triq hija ghat-telgha huwa mistenni li sewwieq jzid xi ftit l-i*speed*. Lanqas ma jista’ jinghad li dan li *speed* kien eccessiv ghal-lokalita` billi ma kienx mistenni li *pedestrian* jaqsam dik it-triq u partikolarment jaqsahma ftit 'il boghod minn wahda mill-fethiet tal-Bieb.

Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut kien qed isuq b’mod tali li ma kellux kontrol tal-vettura tieghu. Infatti l-konvenut applika l-*brake* immedjatament hekk kif lemah lid-*decujus* biss dan kien tant vicin li l-vettura tal-konvenut ma kelliex distanza bizzejjed biex tieqaf u tevita l-incident. Biex tghid li l-konvenut kellu jkun qed isuq bi *speed* aktar baxx iwassal ghal konkluzjoni rrazzjonali fejn t-traffiku hemm jistagna, u dana fi triq li hija notorjament affollata billi hija l-arterja principali li twassal ghall-belt Valletta.

Illi kollox ma kollox ma jidhirx li ngiebet ebda prova biex turi li l-konvenut ghandu jigi dikjarat responsabbli, anke f’parti minima, ghal dan l-incident u ghalhekk l-appell ser jigi respint.

Fic-cirkostanzi, u billi l-appell ser jigi michud, din il-Qorti ma tara ebda utilita` li tezamina l-pregudizzjali mressqa mill-konvenut dwar il-validita` o meno ta' l-appell ta’ Charlene u Deemer ahwa Tabone; dan apparti l-fatt li ma ngiebet ebda prova konkluzziva li dawn ottenew l-eta` taghhom qabel ma gie intavolat dan l-appell.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta' l-atturi qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------